MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 34/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dr Mario Cuschieri)**

**v.**

**Laurence Liegeois**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti fl-1 ta' Frar 2010 li permezz taghha dik il-qorti ordnat li Laurence Liegeois (hawn aktar 'l quddiem "l-estradanta") tinzamm taht kustodja sabiex tistenna li tigi mreggija lura lejn Franza sabiex hemm tiskonta l-piena rimanenti skond sentenza moghtija mit-*Tribunal de Grande Instance* f'Thionville fis-7 ta' Ottubru 2008.

**2.** L-estradanta (ta' nazzjonalita` Belgjana, imwielda fl-4 ta' Lilju 1967, bint Raymond u Germaine Andre`, detentrici tal-karta tal-identita` Belgjana nru 590-3158495-07)

tressqet b'arrest quddiem il-Qorti Rimandanti fis-7 ta' Jannar 2010 wara mandat ta' arrest mahrug mill-imsemmi Tribunal Franciz, liema mandat kien segwit b'mandat ta' arrest mahrug minn Magistrat f'Malta[1] skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 355E *et seq.* tal-Kodici Kriminali. Il-Pulizija talbet sabiex il-Qorti Rimandanti tipprocedi fil-konfront tal-estradanta skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 276 (l-Att dwar l-Estradizzjoni) u skond l-A.L. 320/2004. Fl-imsemmija udjenza tas-7 ta' Jannar 2010 gew ezibiti *inter alia* il-*European Arrest Warrant* (kemm bil-Franciz kif ukoll bl-Ingliz)[2] mahrug mill-Qorti ta' Thionville, kif ukoll ic-certifikat tal-Avukat Generali ta' Malta[3] ghall-finijiet tar-regolamenti 6A u 7 tal-imsemmija A.L. 320/04 li permezz tieghu huwa ccertifika li l-Prosekutur Pubbliku fi hdan it-*Tribunal de Grande Instance* ta' Thionville huwa awtorita` li ghandha l-funzjoni li titlob il-hrug ta' allerti[4] bhalma nhareg fil-konfront tal-estradanta.

**3.** Fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2010 saret it-trattazzjoni jekk dwar jekk ir-reati li taghhom l-estradanta qed tintalab li titregga' lura Franza humiex fil-fatt reati li dwarhom tista' tintalab l-estradizzjoni, cioe` jekk humiex *extraditable offences* skond il-ligi Maltija, u l-proceduri gew differiti ghal sentenza, ovvjament parzjali jew preliminari, fuq dan il-punt. Fil-fatt fis-27 ta' Jannar 2010 il-Qorti Inferjuri tat id-decizjoni taghha fuq dan il-punt u ddecidiet li kien palesi li r-reati li dwarhom l-estradanta kienet giet misjuba hatja mill-Qorti Franciza kienu *extraditable offences*[5]. Dan il-punt qed jigi sottolineat ghax ir-rikors ta' appell tal-estradanta, u li din il-Qorti ghandha quddiemha, u cioe` r-rikors tal-5 ta' Frar 2010, qed jappella biss mis-sentenza tal-1 ta' Frar 2010 u mhux ukoll mis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2010 – ara in partikolari t-talbiet kontenuti fil-paragrafi 16 u 18 tal-imsemmi rikors, fol. 87 u 88 tal-atti.

[1] Fol. 9A.
[2] Fol. 13 sa 20.
[3] Fol. 21.
[4] Fol. 6 sa 8.
[5] Ara kopja ta' din is-sentenza in parte a fol 38 sa 40 tal-atti.

**4.** Fl-udjenza tal-ghada, 28 ta’ Jannar 2010, id-difensur tal-estradanta talab li jinstemghu diversi xhieda biex jaghmel il-prova dwar x’wassal ghas-sentenza li a bazi taghha qed tintalab l-estradizzjoni kif ukoll biex jispjega s-sistema ta’ esekuzzjoni ta’ sentenzi “fir-regim Franciz” u kif l-estradanta “qatt ma harbet mill-gustizzja imma sabet mod sigur li proprju tkun tista’ tiggustifika in-nuqqas taghha quddiem il-Qorti kompetenti li waslet ghas-sentenza” tal-Qorti Franciza. Il-Qorti Rimandanti halliet il-kaz ghall-1 ta’ Frar 2010 “sabiex taghti decizjoni dwar it-talba maghmula llum stess mill-estradanta u f’kaz li din it-talba ma tigix akkolta minn din il-Qorti, din tipprocedi ghad-decizjoni finali”. Fil-fatt fl-udjenza tal-1 ta’ Frar 2010, fl-istess decizjoni li minn qed isir l-appell odjern, din it-talba giet michuda[6].

**5.** Qabel ma din il-Qorti taghddi biex tezamina l-aggravji tal-estradanta, jigi osservat illi r-rikors ta’ l-appell gie pprezentat fil-5 ta’ Frar 2010. Fil-11 ta’ Frar 2010 l-estradanta (kif ukoll l-estradant l-iehor Alain Schmitt) pprezentat rikors li permezz tieghu talbet jigu tradotti essenzjalment zewg affarijiet (1) li xi atti u dokumenti ghal ilsien li “hija tifhem u taqra” u (2) li hija tigi awtorizzata tixhed flimkien ma’ persuni ohra u tipprezenta dokumenti “relatati mal-istess proceduri”[7]. L-ewwel talba giet michuda b’digriet ta’ din il-Qorti tal-istess gurnata – 11 ta’ Frar 2010 – u dan in bazi ghal dak li jipprovdu l-Art. 516(1) tal-Kap. 9 u d-disposizzjonijiet tal-Kap. 189; dwar it-tieni talba din il-Qorti ordnat lill-estradanta sabiex tispjega l-oggett tal-prova li riedet taghmel b’dawn id-deposizzjonijiet u dokumenti. Permezz ta’ nota kongunta (u li tinsab insertita biss fl-atti fil-konfront tal-estradanta odjerna) tat-12 ta’ Frar 2010, kemm l-estradanta kif ukoll l-estradant Alain Schmitt fissru li l-oggett tal-prova kien li juru li “jkun ta’ perikolu kbir jekk l-appellanti jintbaghtu lura Franza, ghal diversi ragunijiet, barra li meta nghatat is-sentenza ma kienux fizikament it-tnejn prezenti”. Din il-Qorti, kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tat-12 ta’ Frar

[6] Ara fol. 73 u 74 tal-atti.

[7] Talbiet simili saru mill-appellant l-iehor – Alain Schmitt – fl-atti rigwardanti l-proceduri fil-konfront tieghu. Din il-Qorti pprovdiet bl-istess mod kemm fir-rigward tat-talbiet ta’ Liegeois kif ukoll fir-rigward ta’ dawk ta’ Schmitt.

2010 kif ukoll minn dak ta' l-udjenza tad-19 ta' Frar 2010, irrizervat li tipprovdi wara li tisma' t-trattazzjoni, fis-sens li tipprovdi jew separatament mis-sentenza finali (jekk tara li l-prova li trid issir hija relevanti) jew flimkien mas-sentenza tal-lum.

**6.** Punt preliminari iehor hu dan: kemm ir-rikors tal-estradanta Liegeois kif ukoll dak tal-estradant Schmitt huma twal hafna, b'hafna mill-"aggravji" ghandhom in-natura ta' "dikjarazzjonijiet" milli hag'ohra; u fiz-zewg appelli hemm element ta' similjanza u ripetizzjoni. Ghalhekk, ghall-pratticita`, fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2010 gie maqbul mad-difensur taz-zewg appellanti li huwa kellu jigbor "l-aggravji" (li fil-kaz tal-estradanta Liegeois huma mfissera f'29 paragrafu, mentri dawk tal-estradant Schmitt huma migbura fi 33 paragrafu) flimkien b'mod organiku, u l-ewwel jitratta l-aggravji hekk migbura tal-estradanta – li b'dan il-mod gew maghsura ghal tmienja – u wara jzid maghhom l-aggravji addizzjonali (sitta ohra) ta' Schmitt. Fil-fatt hekk sar, u din il-Qorti ser timxi *seriatim* mal-aggravji kif proposti mid-difensur tal-estradanta appellanti fl-imsemmija udjenza. Jigi precizat ukoll li t-trattazzjoni tal-appell saret (kemm fir-rigward tal-estradanta Liegeois kif ukoll fir-rigward tal-estradant Schmitt) fid-19 ta' Frar 2010 – fit-12 ta' Frar gie trattat ir-rikors ghall-helsien mill-arrest u fil-15 ta' Frar inghatat id-decizjoni fir-rigward ta' dik it-talba ghall-helsien mill-arrest.

**7.** L-ewwel aggravju tal-appellanti Liegeois huwa essenzjalment illi r-reati li taghhom hija instabet hatja mit-*Tribunal de Grande Instance* ta' Thionville ma humiex reati ta' estradizzjoni. L-abbili difensur tal-appellanti sahaq li ma hemm ebda "communal offence" sia taht il-ligi Franciza kif ukoll taht dik Maltija. Issa, huwa minnu li proprjament l-appellanti Liegeois ma appellatx mis-sentenza parzjali tas-27 ta' Jannar 2010 fejn din il-kwistjoni giet deciza, u ghalhekk kieku trid din il-Qorti tista' bl-aktar mod sommarju tieqaf hawn billi daqstant sommarjament tichad dana l-ewwel aggravju. Pero` ghall-finijiet ta' pratticita` (u minghajr ma b'ebda mod dan il-fatt ghandu jitqies bhala xi precedent) din il-Qorti ser tinvesti xorta wahda dana l-aggravju. Jidher li l-appellanti qed

tibbaza l-argument taghha fuq il-fatt illi fil-*European Arrest Warrant* li huwa l-bazi ta' dawn il-proceduri, jinghad fit-taqsima E (fejn hemm deskrizzjoni tac-cirkostanzi li fihom sehhew ir-reati) hekk: "As a member of a sect/sectarian community of which he [recte: she] was a member, under cover of a society called MINH, Ms Liegeois has been found guilty as a co-author of the offences of wilful violence in a group and extortion of another member of the group…" (fit-test Franciz *dan le cadre d'un groupe sectaire, dont elle etait membre, sous couvert d'une association denominee MINH…*). Pero` hawn hekk il-*warrant* ma qed jaghmel xejn ghajr jaghti l-isfond fattwali li fih sehhew ir-reati (bhalma, nghidu ahna, jaghmel l-Avukat Generali meta, fl-Att ta' l-Akkuza, jibda billi jesponi l-fatti kif hu jkun jifhem li sehhew). Dak li jorbot u li hu relevanti, pero`, ghall-finijiet tal-estradizzjoni huwa ir-reat *ut sic* li tieghu dak li jkun ikun instab hati. F'dan il-kaz l-*EAW* jelenka *offence of wilful violence in a group* u *offence of extortion*. Fil-kuntest tar-regolament 60(1)(2)(3) tal-A.L. 320/04 ma jistax ikun hemm l-icken dubju li dawn ir-reati huma reati ta' estradizzjoni. In fatti l-estorsjoni hija imsemmija fit-Tieni Skeda tal-imsemmija regolamenti, mentri r-reat ta' *wilful violence* jikkorrispondi ghar-reat ta' offiza fuq il-persuna u ghalhekk huwa wkoll reat ta' estradizzjoni in vista tar-regola tal-kriminalita` doppja – ara regolament 60(3)(b). Ta min hawn ifakkar fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 276, li jipprovdi li *"In determining for the purpose of this section whether an offence falls within the requirements of subarticle (1)(a) and (b)* – u il-(b) hija proprju l-htiega tad-*double criminality* *– the description of the offence shall not be regarded as material if the offences under the law of Malta and that of the requesting country are substantially of the same nature".* Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

**8.** It-tieni aggravju hu fis-sens li ma jistax jinghad li l-appellanti hija *a fugitive from justice*. Skond l-abbili difensur tal-estradanta, din ma kisritx xi kundizzjonijiet tal-*bail* fi Franza izda kellha titlaq minn dak il-pajjiz ghax kostretta li taghmel hekk fl-interess tat-tifel taghha, tas-sieheb taghha (l-estradant Schmitt), fl-interss tal-grupp u fl-interess taghha stess. Dan l-aggravju hu manifestament

infondat. L-Artikolu 2 tal-Kap. 276 huwa car fid-definzzjoni ta' "fugitive criminal" – *"…a person accused or convicted of an extraditable offence committed within the jurisdiction of any country other than Malta who is or is suspected of being in Malta; and whenever that term occurs in relation to any such country, means a fugive criminal accused or convicted of an extraditable offence committed within the jurisdiction of that country".*

**9.** It-tielet aggravju huwa semplici sfumatura tal-ewwel wiehed. L-estradanta appellanti tghid illi l-*EAW* inhareg minhabba l-ossessjoni ta' Franza dwar is-setet. Hi tghid li trid tipprova li hi mhix membru ta' "a sectarian group" kif jinghad fix-Schengen *alert* jew "sectarian community" fl-*EAW*. Pero`, kif rajna, ir-reati li taghhom hija nstabet hatja huma reati "normali", biex wiehed isejhilhom hekk, mhux marbuta ma setet jew kommunitajiet settarji, u wiehed ma jistax jezimi ruhhu mir-responsabbilta` kriminali billi jipprova jzeffen fin-nofs kuncetti u jaghmel allegazzjonijiet dwar setet jew kommunitajiet. Din il-Qorti qrat ghal aktar minn darba – process li ha <u>hafna</u> zmien – ir-rikors ta' appell tal-appellanti, u mkien taht id-diversi paragrafi tal-"aggravji" hija ma tinvoka l-Artikoli 10(1)(b) u 20 tal-Kap. 276. Din il-Qorti tippreciza, u dan ghal kull buon fini biss, li, wara li ezaminat is-sentenza tat-*Tribunal de Grande Instance*, anqas remotament ma jista' japplika f'dan il-kaz il-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 20. Ghalhekk dana t-tielet aggravju qed jigi wkoll respint.

**10.** Nigu ghar-raba' aggravju. Permezz ta' dana l-aggravju l-appellanti tikkontendi li hija ma gietx notifikata ghas-seduta tat-18 ta' Jannar 2010 (quddiem il-Qorti Inferjuri) kif kellha tigi notifikata skond il-ligi, jigifieri jumejn tax-xoghol qabel id-data tal-istess smigh. Dan jista' jkun fattwalment minnu; izda dan il-fatt ma jwassal, f'dan l-istadju, imkien. Iz-zmien jista' jkun relevanti biex dak li jkun jipprepara sew id-difiza tieghu, u allura dak li kellu, se mai, isir hu li hija titlob ftit aktar zmien lill-Qorti Rimandanti biex taghmel tajjeb ghall-akkorcjament tal-jumejn. Jekk wiehed jara l-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Jannar 2010 (fol. 24 tal-atti) isib li l-appellanti f'dik l-udjenza <u>ma ghamlet ebda talba simili</u>, izda semplicement irrilevat bhala fatt (li,

kif inghad, jista' jkun korrett) li hija kienet giet notifikata bl-appuntament ghal dik il-gurnata "nhar is-Sibt li ghadda fil-5.15 pm" – apparti l-fatt li fl-udjenza tat-18 ta' Jannar fir-realta` ma sar xejn li kien jincidi b'xi mod fuq it-talba ghall-estradizzjoni; l-"extradition hearing" proprja beda fit-22 ta' Jannar. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**11.** Il-hames aggravju tal-appellanti huwa illi hija qatt ma nghatat kopja tal-*EAW* u dana bi ksur tal-paragrafi (3) u (5) tar-regolament 8 tal-A.L. 320/04. Dana l-aggravju huwa infondat. Kif gustament irrilevat l-Avukata tal-Prosekuzzjoni fl-udjenza tal-Gimgha 19 ta' Frar 2010, l-estradanta (kif ukoll l-estradant Schmitt) gew arrestati in forza ta' Schengen *alert* u mandat ta' arrest mahrug skond il-Kodici Kriminali. L-*EAW* (bil-Franciz u bl-Ingliz) gie ezibit mal-ewwel udjenza, cioe` mal-prezentata tal-appellanti fil-qorti fis-7 ta' Jannar 2010. F'dik l-udjenza ma tqajjmet ebda kwistjoni dwar il-legalita` tal-arrest u anqas ma saret xi talba ghalbiex l-estradanta tigi "discharged" skond il-paragrafu (5) tal-imsemmi regolament 8. Ma jistax, ghalhekk, dana l-punt jitqajjem issa meta certament l-imsemmi *EAW* jinsab fil-pussess tal-appellanti tant li qed tibbaza parti sostanzjali mill-appell taghha fuq dak li fih u ma fihx dan il-*warrant*. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**12.** Is-sitt aggravju jirrigwarda l-kwistjoni ta' jekk meta nghatat is-sentenza mit-*Tribunal de Grande Instance* l-appellanti kienitx rapprezentata o meno, u dan ghall-finijiet tar-regolament 23(1)(3)(4)(5) tal-A.L. 320/04. L-appellanti tghid li l-prosekuzzjoni ma ezibitx il-prokura li hija kienet allegatament tat lill-avukat taghha biex jirraprezentaha fil-proceduri fi Franza. Fuq din il-kwistjoni, fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2010 quddiem il-Qorti Rimandanti, l-prosekuzzjoni pprezentat *inter alia* kopja tas-sentenza tal-imsemmi Tribunal, mibghuta permezz ta' *fax* mis-sostitut Prokuratur tar-Repubblika f'dak it-Tribunal (ara fol. 43 *et seq.*; is-sentenza hija a fol. 49 sa 67). Il-korrettezza ta' dak li hemm f'din is-sentenza b'ebda mod ma gie kontestat mill-appellanti f'dik l-udjenza tat-28 ta' Jannar – il-provi u dokumenti li l-estradanta qalet li trid iggib, u li jissemmew fil-varbal ta' dik l-udjenza, kif ukoll dawk li

jissemmew fir-rikors tal-11 ta’ Frar 2010 u fin-nota tat-12 ta’ Frar 2010, huma intizi ghalbiex jippruvaw jiggustifikaw l-assenza taghha meta nghatat is-sentenza, u mhux biex b’xi mod imeru jew biex jikkontradicu dak li hemm imnizzel f’dak id-dokument (ara l-verbal a fol. 41 u 42, u r-rikors u n-nota msemmija). Pero` kif gustament osservat il-Qorti Rimandati fis-sentenza appellata, galadarba jirrizulta mis-sentenza tat-Tribunal li hija appuntat bi prokura persuna biex tidher ghaliha a tenur tal-Artikolu 411 tal-*Code de Procedure Penale* (ara fol. 50/51, 52 u 58), il-konkluzzjoni tista’ tkun biss li hija deliberatament assentiet ruha. Ghalhekk ma hemm lok li jinstemghu ebda provi u jigu ezibiti ebda dokumenti f’dan ir-rigward, ghax tali prova u dokumenti jkunu manifestament irrelevanti ghall-finijiet limitati ta’ dawn il-proceduri ta’ estradizzjoni. Dan l-aggravju qed jigi michud.

**13.** Permezz tas-seba’ aggravju taghha – dejjem kif riformulat jew ahjar “migbur” mill-abbli difensur tal-appellanti – l-estrandanta tillanja dwar il-fatt li gew ezibiti fl-atti mill-prosekuzzjoni diversi dokumenti li, fi kliem l-imsemmi difensur, “la huma awtentikati u anqas mahlufa taht gurament li kienu vera kopja tal-original”. L-appellanti taghmel referenza specifika ghad-dokumenti a fol. 13 sa 20 (il-*EAW* bil-Franciz u bl-Ingliz), 31 sa 35 (estratti mil-ligi Franciza) u 43 sa 67 (informazzjoni minghand is-sostitut Prokurator tar-Repubblika addett mal-*Tribunal de Grande Instance* ta’ Thionville flimkien ma’ estratti ohra tal-ligi proceduralі penali u kopja tas-sentenza tal-imsemmi Tribunal). Issa, wiehed irid jiftakar li d-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta’ Gunju 2003, li hija l-bazi ta’ l-Avviz Legali 320/2004, kienet intiza biex, fost affarijiet ohra, timminimizza l-formalitajiet rikjesti ghall-finijiet ta’ estradizzjoni bejn membri tal-UE (ara a propositu s-sentenza ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Ottubru 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ebeid Osama**, u in partikolari l-paragrafu 10 ta’ dik is-sentenza). Fil-kaz in dizamina, l-kopji tal-*EAW* gew, veru, trasmessi bil-*fax*, cioe` huma *facsimile reproductions*. Pero` tali kopji huma espressament ammessi mill-ligi – ara d-disposizzjoni tal-paragrafu (9) tar-regolament 5 tal-A.L. imsemmi: *“Any arrest warrant to which this part applies may be*

*transmitted by any secure means capable of producing written records and under conditions permitting the ascertainment of its authenticity".* Fil-fehma tal-Qorti il-kopji tal-*EAW* huma cari bizzejjed li minnhom l-awtenticita` tista' tigi stabbilita – ara, per ezempju, il-firem u t-timbri, inkluzi dawk dwar it-traduzzjoni a fol. 20. Terga' w tghid, ic-certifikat rilaxxjat mill-Avukat Generali (fol. 21) skond ir-regolament 7, ankorke` jirreferi ghax-Schengen *alert*, huwa konferma ohra tal-awtenticita` tal-*EAW*. Kwantu ghad-dokumenti l-ohra, dawna, anke jekk fotokopji, *"[purport] to be signed by a judge, magistrate, any other judicial authority or any officer of the scheduled country"* fis-sens tar-regolament 73A(3)(a) tal-A.L. in kwistjoni – ara l-firen ta' Gerard Loubens a fol 31, tas-Sostitut Prokuratur D. Mauchard a fol. 43 u tal-Registratur jew *Greffiere* a fol. 46. Pero` apparti dan kollu, il-*proviso* tal-paragrafu (3) tar-regolament 73A ikompli hekk: *"Provided that subarticles (2) and (3) do not prevent a document that is not duly authenticated from being received in evidence in proceedings under this Order".* Dan ifisser li meta dokument ma jkunx "duly authenticated" kif imfisser fil-paragrafi (jew *subarticles*) (2) u (3) tal-imsemmi regolament 73A, il-Qorti ghandha diskrezzjoni (li ovvjament ghandha tigi ezercitata bi prudenza kbira, anke biex tassigura li jigu tutelati d-drittiet tal-estradant li jkun) – jekk tkun sodisfatta li dan id-dokument hu ta min joqghod fuqu, anke jekk mhux debitament awtentikat, tista' taccettah bhala prova; jekk le, tista' tirrifjutah, u dan huwa l-veru sens tal-paragrafu (2): *"Any other document* [i.e. apparti l-*warrant*] *issued in a scheduled country <u>may</u> be received in evidence in proceedings under this Order if it is duly authenticated"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Ghalhekk dana l-aggravju ukoll qed jigi respint.

**14.** It-tmien u l-ahhar aggravju tal-appellanti Liegeois jirreferi ghall-fatt li fis-sentenza appellata il-Qorti Rimandanti, meta rriferiet ghall-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, irriferiet ghall-Kap. 275 flok 276 – *lapsus calami* evidenti. Dana l-aggravju huwa altament fieragh u ma jimmerita ebda konsiderazzjoni.

**15.** Isegwi ghalhekk li l-provi li l-estradanta talbet li jinstemghu bir-rikors tal-11 ta' Frar 2010, huma rrelevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri ta' estradizzjoni u fid-dawl tal-aggravji sollevati mill-istess estradanta, u ghalhekk dik it-talba ser tigi wkoll michuda.

**16.** Ghall-motivi premessi, prevja c-cahda tat-tieni talba kontenuta fir-rikors tal-11 ta' Frar 2010, tichad l-appell ta' Laurence Liegeois tal-5 ta' Frar 2010 u tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tal-1 ta' Frar 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------